KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

**It-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fis-18:00h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 53.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**53.01.01** Il-Kunsillier Carlo Stivala informa lill-Kunsill sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**53.01.02** Il-Kunsillier Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

## 53.02 Attivitatajiet Kulturali f'Settembru 2022

**53.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li din is-seduta b'urġenza qed issir sabiex jiġu diskussi l-Attivitajiet Kulturali li se jsiru matul ix-xahar ta' Settembru. Fost dawn hemm l-aspett finanzjarju u logistiku tal-inawgurazzjoni ta' restawr fil-Kappella tas-Sagra Familja u l-attività ta' Jum Birżebbuġa. Hu fakkar li fi tmiem il-ġimgħa li ġej ser jiġi ċċelebrat Jum Birżebbuġa fejn hu ta' importanza li jiġi provdut l-aħjar livel u kwalita' għal din l-attività.

**53.02.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-programm se jibda nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru, fejn ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-għamara u l-pittura fil-Kappella tas-Sagra Familja b'investiment ta' kwazi €15,000. Dawn il-fondi ġew minn co-finanzjament mill-fondi tal-GALXlokk b'fondi mill-Unioni Ewropea. L-inawgurazzjoni ser issir fis-19:00h b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa tal-lokal. Hu semma li ser isiru diskorsi minn naħa tal-Għaqda Storja u Kultura, mill-Kunsill Lokali, mil-Project Manager l-ex-Kunsillier l-Onorevoli Inġ. Stanley Zammit u mis-Saċ Charles Vella u li kien involut fir-restawr tal-pittura. Wara ser ikun hemm ftit mużika addatata għall-okkażjoni tal-avviniment tal-inawgurazzjoni.

**53.02.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li gew mitluba għal tliet kwotazzjonijiet rigward *sound* u dawl. Ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal ammont ta' €784.70 u li kienet l-irħas waħda. Hu żied jgħid li ser ikun hemm *photographer* u xi ftit *finger food* provduti lokalment. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma dan. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa fejn ser issir iċ-ċerimonja u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li peress li l-ispazju tal-kappella hu limitat, ser issir fil-kappella u l-entratura tal-istess kappella.

**53.02.04** Is-Sindku Scott Camilleri ta informazzjoni dwar l-attività ta' Jum Birżebbuġa li ser tkun maqsuma fuq jumejn. Is-Sibt 10 ta' Settembru fis-19:00h jkun hemm is-seratà li tfakkar dan il-Jum u l-Ħadd 11 ta' Settembru fid-9:30h ser issir il-Quddiesa tal-okkażjoni. Hu żied jgħid li fil-ġurnata tal-Ħadd ser ikun hemm attività ta' *Community Engagement* mil-Pulizija u fejn ser ikun hemm *information stands*, klieb u żwiemel tal-Pulizija u jista jkun li ssir attivita' tal-*upsailing* mal-kampnar tal-knisja. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li t-talb tal-fidili waqt il-Quddiesa tinqara mill-membri kollha tal-Kunsill.

**53.02.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil għamlet spjegazzjoni rigward is-seratà li ser tfakkar Jum Birżebbuġa nhar is-Sibt. Hi bdiet biex qalet li bl-ebda mod, hi u l-Kunsillier Johann Borg, ma kienu involuti fl-għażla tan-nominazzjonijiet. Hi qalet li l-bord kien magħmul minn Chairperson, Lorraine Cunningham, s-Segretarju tal-Bord kien il-Kunsillier Johann Borg u l-membru Joe Debattista. Hi spjegat li ser ikun hemm grupp mużikali magħmul kollu minn persuni mil-lokalità inkluż l-erbgħa kantanti, għoti ta' rikonoxximenti, qari ta' poeżiji u silta mil-ktieb tal-Għaqda Storja u Kultura. Fl-aħħar ikun

hemm diskors mis-Sindku Scott Camilleri fejn ser jingħataw ir-rikonoxximenti u kif ukoll u l-għoti ta' Ġieħ Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser ikun hemm ukoll filmat tax-xogħlijiet li saru f'din l-aħħar sena ħidma.

**53.02.06** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ta' ftit informazzjoni fuq il-laqgħa tal-bord tal-għażla. Din saret fis-26 t'Awwissu fejn kien hemm preżenti ċ Chairperson, Lorraine Cunningham, s-Segretarju tal-Bord il-Kunsillier Johann Borg u l-membru Joe Debattista. Hu żied jgħid li kien hemm seba' nomminazzjonijiet għal-rikonoxximent tal-Atleta u l-Isportiv tas-sena, sitt nominazzjonijiet għal rikonoxximent għal ħidma fil-Kultura, nominazzjoni waħda għal rikonoxximent għall-Hidma fl-Inklużjoni, żewġ nominazzjonijiet għal rikonoxximent tal-Anzjan jew l-Anzjana tas-sena, sebgħa nominazzjonijiet għal rikonoxximent għall-Impenn u Dedikazzjoni, għaxar nominazzjonijiet għal rikonoxximent għaż-Żagħżugħ jew Żagħżugħa tas-sena u żewġ nominazzjonijiet għal rikonoxximent għall-Ħidma fil-Volontarjat.

Il-bord għażel persuna waħda għal kull kategorija ta' rikonoxximent u persuna waħda għal Ġieħ Birżebbuġa. l-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li għas-sena li ġejja, għandu jkun kemm rikonoxximent għall-Volantarjat fil-ħidma Ambjentali. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk dawk li ġew nominati imma ma ntgħażlux, hux se jkunu mistiedna għal attività tas-Sibt. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser jiċċekja mal-iskrivana li ħadet ħsieb l-inviti. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu mad-deċizjoni tal-bord.

**53.02.07** Is-Sindku Scott Camilleri ressaq dawn il-kwotazzjonijiet għal Jum Birżebbuġa:

- <u>*Trophies tal-ħġieġ għal rikonoxximenti u Ġieħ Birżebbuġa*</u> - kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B). Ġieħ Birżebbuġa GEO148 għal prezz ta' €85 u rikonoxximenti IMG949 għall-prezz ta' €65 għal kull waħda.

- <u>*Catering għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru għal 100 persuna*</u> - kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (D) għal prezz ta' €470 u Anglu Cutajar jgħin fit-tqassim ta' ikel u x-xorb.

- <u>*Photographer għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru*</u> - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €50.

- <u>*Photographer għal Jum Birżebbuġa fil-11 ta' Settembru għal matul il-quddiesa*</u> - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €40.

- <u>*Preżentatur għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru*</u> - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €150.

- <u>*Servizz Mużikali għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru*</u> - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €350.

- <u>*Mementos għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru*</u> - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) għal prezz ta' €29.50 għal kull waħda.

- *Produzzjoni u Video għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru* - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €5,900.

- *Setup għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru* - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) għal prezz ta' €4,142.

- *Sound AV għal Jum Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru* - ġiet magħżula l-kwotazzjoni (C) għal prezz ta' €5,251.

## 53.03 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**53.03.01** Is-Seduta b'urġenza tal-Kunsill intemmet fit-18:55h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _________________________ | _____________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |